MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2013

Rikors Numru. 1077/2012

**Citazzjoni Nru 898/01GV**
**Michael Attard Limited**

**vs**

**Raymond u Philomena Buhagiar**

Il-Qorti ,

Rat ir-rikors mahluf minn Stefan Sacco ghan-nom ta' Michael Attard Limited, tas-26 t'Ottubru 2012 illi jaqra hekk :

*"Illi l-kreditu tas-socjeta esponenti gie rez ezekuttiv permezz ta' sentenza deciza fl-20 ta' Gunju 2001 fl-ismijiet fuq imsemmija fis-somma ta' 64 238.11 Euro (erba u sittin elf mitejn u tmienja u tletin euro u hdax-il euro centezmu) in kwantu ghal 33 729.16 Euro (tlieta u tlettin*

*elf seba mija u disa u ghoxrin euro u sittax-il euro centezmu) sorte, 27 877.36 Euro (seba u ghoxrin elf tmien mija u seba u sebghin euro u sitta u tlettin euro centezmu) imghax ikkalkolati mid-data tas-sentenza sallum oltre imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv u 2 389.81 Euro (elfejn tlett mija u disa u tmenin euro u wiehed u tmenin euro centezmu) spejjez u 241.78 Euro (mitejn u wiehed u erbghin euro u tmienja u sebghin euro centezmu) vat;*

*Illi ghaddew aktar minn ghaxar snin minn meta t-titlolu ezekuttiv seta gie ezegwit;*

*Ill d-debituri hallsu 15 742.75 Euro (hmistax-il elf seba mija u tnejn u erbghin euro u hamsa u sebghin euro centezmu) u fadal bilanc ta' 48 495.36 Euro (tmienja u erbghin elf erba mija u hamsa u disghin euro u sitta u tlettin euro centezmu) oltre imghaxijiet ulterjuri;*

*Illi l-intimati gew interpellati diversi drabi u baqghu ma hallsux;*

*Ghaldaqstant is-socjeta esponenti titlob bir rispett lil din 1-Onorabbli Qorti illi jigu ravvivati d-drittijiet tas-socjeta' esponenti kontra 1-intimati u b'hekk il-kreditu jerga jsir titolu ezekuttiv skond il-ligi u jkun jista jigi ezegwit kontra 1-intimati, dan taht dawk 1-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi."*

Rat illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat skond il-ligi bir-rikors u bl-avviz tas-smigh tal-kawza huwa ma pprezentax risposta ;

Rat illi l-kontenut tar-rikors gie konfermat bil-gurament minn Stefan Sacco ghas-socjeta' rikorrenti fit-22 t'April 2013 (fol 30 et seq) ;

Rat il-kopja legali tas-sentenza moghtija fl-20 ta'Gunju 2001 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "*Michael Attard Limited vs Raymond u Philomena konjugi Buhagiar" (cit. Nru. 898/01 GV)* li tinsab esebita a fol 34 u 35 ;

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-22 t'April 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu* ghal-lum ;

Rat li ma hemm l-ebda ostakolu sabiex il-kawza tigi deciza llum ;

**Ikkonsidrat :**

Din l-istanza tinkwadra ruhha fil-kuntest ta` l-Art.258 tal-Kap.12.

Jirrizulta li s-sentenza moghtija fl-20 ta'Gunju 2001 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet '*Michael Attard Limited vs Raymond u Philomena konjugi Buhagiar' (cit. Nru. 898/01 GV)* ghaddiet in gudikat u ghalhekk tikkostitwixxi titolu esekuttiv skond l-Art.253(a) tal-Kap.12.

Jirrizulta li din is-sentenza baqghet ma gietx ezegwita u ghaddew aktar minn ghaxar snin minn meta setghet tigi ezegwita. Ghalhekk il-kaz jaqa` fl-ambitu tal-Art.258(a) tal-Kap.12.

Din il-Qorti tghid li fl-istanza taghhom tal-lum ir-rikorrenti ottemperaw ruhhom ukoll ma` dak li jipprovdi l-bqija tal-Art.258 tal-Kap.12.

Illi jirrizulta mix-xhieda ta' Stefan Sacco illi mis-sorte thallas biss mill-konjugi intimati €15,742.75 (hmistax-il elf seba mija u tnejn u erbghin euro u hamsa u sebghin euro centezmu) u fadal bilanc ta' €48,495.36 (tmienja u erbghin elf erba mija u hamsa u disghin euro u sitta u tlettin euro centezmu) oltre imghaxijiet ulterjuri;

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, u fil-kontumacja tal-intimati, din il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif ridotta u cioe' ghall-bilanc ta' €48,495.36 (tmienja u erbghin elf erba mija u hamsa u disghin euro u sitta u tlettin euro centezmu) oltre imghaxijiet ulterjuri.**

**Bl-ispejjez kontra l-intimati.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------